**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 t'April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**vs**

**Emanuel Bianchi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet kif sostitwiti migjuba kontra:

Emanuel Bianchi ta' 38 sena iben Alfred Bianchi u Anna Bianchi xebba Hayman, imwieled il-Pieta, nhar il-31 ta' Mejju 1983, residenza mhux maghrufa u detentur tal-karta tal-identita numru 287983M

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, akkuzat talli:

1. nhar il-5 ta' Novembru 2021, ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (17:00hrs) minn gewwa Triq il-Qalb ta' Gesu, Paola u/jew gewwa l-vicinanzi ikkommetta serq ta' speakers minn vettura tal-ghamla Toyota Starlet, bin-numru ta' registrazzjoni CBJ718, liema serq huwa aggravat bil-mezz u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Dwayne Borg u/jew persuni ohra

2. kif ukoll talli nhar l-4 ta' Novembru 2021, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs) minn gewwa Triq il-Vittmi tax-Xoghol, Paola, u/jew gewwa l-vicinanzi, ikkommetta serq ta' basket u/jew oggetti ohra, minn vettura tal-ghamla Toyota Tercel, bin-numru tar-registrazzjoni KBD859, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Deniro Cachia u/jew persuni ohra

3. u aktar talli kiser ordni ta' probation moghtija fil-konfront tieghu ghal tlett snin b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr Y. Micallef Stafrace LL.D, datata 13 ta' Novembru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

U aktar talli nhar is-6 ta' Novembru 2021, ghall-habta ta' nofs in-nhar u kwart (12.15hrs) gewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta:

4. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-ispettur S.K. Zerafa, inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qieghda taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

5. U kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku cioe l-ispettur S.K. Zerafa u/jew PC988 P. Grech u/jew PC815 L.Mizzi, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li jkun qed jaghmel dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordna jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-akkuzat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-ispettur S.K. Zerafa u/jew persuni ohra billi tapplika l-provvediment tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija jigu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2022 il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni stante li diga kien hemm sentenza dwarha deciza fid-19 t’April 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta.

5. Sussegwentement fl-istess seduta l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kienet dik ta’ sitt snin u tlett xhur prigunerija u multa sa massimu ta’ hamest’elef (5,000) Euro u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jikkonferma il-pozizzjoni tieghu

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u wiegeb wkoll li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, hlief tat-tielet imputazzjoni li giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

9. Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja bi tmintax(18) -il kundanna, li fosthom hamsa minnhom ghal serq ikkwalifikat, sitt kundanni ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna li kkaguna ferita ta' natura hafifa, u tlett kundanni ghal pussess semplici ta' droga. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, fosthom zewg ordnijiet ta' liberazzjoni kondizzjonata, sentenza sospiza u zewg ordnijiet ta' probation, pero huwa ovvju li l-imputat baqa' jostina rasu fit-triq li qabad tal-kriminalita.

10. Mill-atti kif ukoll mit-trattazzjoni orali jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza. Pero jidher li s'issa ma ghamel xejn bis-serjeta biex jehles minn din id-dipendenza. Wara li inghata piena karcerjarja ta' sentejn fl-2018, huwa inghata opportunita ohra minn dawn il-Qrati b'ordni ta' probation ghal tlett snin u ordni ta' trattament. Pero l-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-imputat matul dawn il-proceduri xehdet li din l-ordni ta' probation intemmet wara sena u nofs stante li l-imputat kiser l-ordni ta' probation, billi kkommetta reat iehor fil-perjodu operattiv taghha.[1]

11. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta wkoll li matul din l-ordni ta' probation huwa beda programm ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Caritas mill-habs stess, u kien lesta il-fazi residenzjali. Pero, wara li skonta s-sentenza ta' prigunerija fl-2019, u hareg mill-

[1] Ara fol. 60 tal-process.

habs, huwa irrifjuta li jmur jirrisjedi fid-Dar Charlie Miceli, kif kien obbligat li jaghmel sabiex itemm il-programm ta' ri-abilitazzjoni, u rega' rritorna lura ghal vizzju tad-droga.[2]

12. Fir-rapport taghha tal-24 ta' Jannar 2022,[3] l-Ufficjal tal-Probation osservat li ghalkemm l-imputat rega' wera x-xewqa li jaghmel programm iehor ta' riabilitazzjoni, hija innotat li jixtieq isegwi programm biss *"skont it-termini u l-kundizzjonijiet tieghu"*. Fil-fatt huwa nsista li jrid isegwi dan il-programm mal-Agenzija Sedqa biss, flimkien mas-siehba tieghu u dment li t-tnejn li huma jkunu ghadhom il-habs. F'dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation tghid hekk:

*"Fattur iehor inkwetati hu li l-Ufficjal tal-Probation innutat li l-imputat jadotta attitudni lejn is-sitwazzjoni fil-hajja tieghu daqslikieku xejn mhu ta' importanza. Jidher li ghal Emanuel Bianchi ma taghmilx differenza jigix accettat il-programm, jibqa' l-habs jew jinghatax il-helsien mill-aresst jew inkella jghix barra minghajr akkomodazzjoni fissa. Hu sostna li jiehu l-hajja gurnata b'gurnata.*

*Fl-ahharnett dan juri nuqqas ta' motivazzjoni serja sabiex verament jindirizza l-problema tad-droga u finalment jieqaf jadotta l-istil ta' hajja kaotika li kien jinsab fiha qabel dahal il-habs."*

17. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation tas-17 ta' Frar 2022, jirrizulta li sa dak in-nhar l-imputat ma kien ghadu ghamel l-ebda pjan jew struttura konkreta sabiex jibda dan il-programm mal-Agenzija Sedqa.[4] Min-naha l-ohra, fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-imputat iddikjara li l-imputat kien qallu li kien qieghed f'kuntatt mal-Agenzija Caritas sabiex jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-habs.

18. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ghandha dubbji serji wkoll dwar kemm l-imputat ghandu verament motivazzjoni serja li jaghmel dan il-programm, u mhux qed jghid li jixtieq jaghmel dan il-programm fl-isperanza li jottjeni mitigazzjoni fil-piena.

19. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li l-imputat ammetta wkoll li wara li tressaq il-Qorti b'arrest fuq l-ewwel imputazzjoni, huwa beda jidghi u jghajjat ripetutament fil-bini tal-

[2] Ara fol. 61 tal-process.
[3] Ara fol. 110 tal-process.
[4] Ara fol. 137 tal-process.

Qorti ghax skond hu l-Ufficjal Prosekutur "tefghatu l-habs ghalxejn". Addirittura f'hin minnhom hares lejn l-Ufficjal Prosekutur u qalilha *"Int ghal xejn tfajtni l-habs. Tibzax ... ... issa jasal iz-zmien li nohrog."* Certament din hija theddida serja fil-konfront ta' spettur li kienet qed taqdi d-doveri taghha skond il-ligi, u huwa totalment inaccettabbli li ghax qdiet id-doveri taghha, hija tigi rinfaccata bi kliem verbali abbuziv u sahhansitra ta' theddid. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija.

20. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, hu ghamel dan biss wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-kawza ghaddiet fl-istadju tal-provi tad-difiza. Ovvjament, meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, huwa iddecieda li jammetti fl-isperenza li jottjeni mitigazzjoni fil-piena. Pero, dan ma jistghax isir, ghax l-imputat xorta hela l-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

21. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-partijiet li din il-Qorti ghandha timponi piena karcerarja lejn il-minimu. Piena karcerarja fil-minimu certament mhix wahda idonea tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-proceduri;

2. wara li rat l-Artikoli 18, 261(b),(f),(g), 263(a), 270, 271(g), 95, 338(ee), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma'

dawn il-proceduri - kif ukoll tikkundannah ghal piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sitta u hamsin Euro (€56.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u tlett Euro u tlieta u tmenin centezmu (€303.83) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 383A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà tal-ispettur Sarah K. Zerafa. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' l-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**